MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Numru. 246/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**KONTRA**

**CONRAD MIZZI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Conrad Mizzi, bin Grazio u Pauline nee’ Zammit, mwieled nhar il- 25 ta’ Settembru 1984, Pieta’, residenti 39, Flat 3, Triq San Pawl, Bormla u detentur tal- Karta tal- IDentita’ bin- numru 466984(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer fl- 1 ta' Novembru 2009 ghall-habta tas- 02.30hrs, gewwa l- istabbiliment Tattingers li jinsab gewwa t- Telgha tas- Saqqajja, Mdina, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi permezz ta' arma rregolari u cioe' oggett iebes, fuq il- persuna ta' Oscar Calafato, hekk skond kif iccertifika Dr. Daryl Xuereb M.D

Il- Qorti hija mitluba wkoll li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li l- istess imputat kien gie misjub hati ta' sentenza moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati, u ghalhekk tghaddi biex minnufih tikkonsidra l-piena fis-sentenza kontra tieghu. Mill-provi prodotti rrisulta li dan l-incident inqala' meta' l-imputat kien mat-tfajla tieghu u din giet ittantata minn Oscar Calafato, u ghalhekk qam argument bejniethom u l-imputat aggredixxa lil Calafato u kkagunalu offizi gravi. Ghalkemm dan il-kaz ma gabx mieghu konsegwenzi aktar serji, madankollu m'huwiex

accettabbli li persuna tigi fl-idejn ma' persuna ohra u tippretendi xi dritt li taghmel dan. Ghalhekk, l-agir tal-imputat hu wiehed kundannabbli u l-Qorti ghandha ssib forma ta' deterrent fil-piena ghall-imputat biex incidenti ohra simili ma jergghux isehhu. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija, b' dan illi l-effetti taghha ser jibqghu sospizi u ma jidhlux fis-sehh sakemm l-imputat ma jwettaqx reat iehor f' terminu ta' zmien skond il-ligi. B'hekk il-Qorti tispera li din isservi ta' taghlima lill-imputat u tghinu biex izomm lura milli jaghmel reati ohra.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Torbot lill-imputat b' garanzija tieghu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal sena favur Oscar Calafato, taht penali ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------